



# Natura 2000 Fir-Reġġjun tal-Mediterran



KUMMISSJONI  
EWROPEA



ambjent

# Werrej

Ir-Reġjun tal-Mediterran – il-benniena tal-Ewropa .....p. 3

Speċijiet ta' Natura 2000 fir-Reġjun tal-Mediterran.....p. 5

Mappa ta' siti ta' Natura 2000 fir-Reġjun tal-Mediterran ....p. 6

Tipi ta' ħabitats ta' Natura 2000 fir-Reġjun tal-Mediterran ..... p. 8

Kwistjonijiet ta' Ġestjoni fir-Reġjun tal-Mediterran ..... p. 10



## Il-Kummissjoni Ewropea Id-Direttorat Ġenerali tal-Ambjent

**Awtur:** Kerstin Sundseth, Ecosystems LTD, Brussell.

**Editur maniġerjali:** Susanne Wegefelt, Kummissjoni Ewropea, Taqsima tan-Natura u l-Bijodiversità B2, B-1049 Brussell

**Rikonoxximent:** Ħajr liċ-Ċentru Tematiku Ewropew dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Università Kattolika ta' Leuven, id-Diviżjoni SADL, talli pprovdew id-dejta għat-tabelli u l-mapep

**Disinn grafiku:** NatureBureau International

**Awturi tar-ritratti:** Qoxra ta' quddiem: RITRATT PRINĊIPALI, Capri, l-Italja - Giorgio Amboldi; RITRATTI ŻGĦAR, MINN FUQ GĦAL ISFEL - Kerstin Sundseth, Lubomir Ħlasek, APCOR, Oikos Ltd. Qoxra ta' wara: Sardenja - Kerstin Sundseth

Informazzjoni addizzjonali dwar Natura 2000 hi disponibbli fuq <http://ec.europa.eu/environment/nature>

*Europe Direct huwa servizz biex jgħinek issib it-tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea*

*In-numru l-ġdid tat-telefown bla ħlas (\*):*

**00 800 6 7 8 9 10 11**

*(\* Ċerti operatori tat-telefon ċellulari ma jippermettux l-aċċess għan-numri 00 800 jew dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.*

Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://ec.europa.eu>).

Il-Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2010

© Komunitajiet Ewropej, 2010

2010 – 12 pp – 21 x 29.7 cm

ISBN 978-92-79-14942-9

doi:10.2779/16262

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm ikun rikonoxxut is-sors. Ir-ritratti huma soġġetti għad-dritt tal-awtur, u l-ebda wieħed minnhom ma jista' jintuża mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel mill-fotografi.

*Printed in Belgium*

Stampat fuq karta rriċklata li nġhatat l-ekotikketta tal-UE għall-karta grafika <http://ec.europa.eu/environment/ecolabel>





Sierra de la Grazalema, Spanja. Ritratt © Klein-Hubert/BIOS/4nature

## Ir-Reġjun tal-Mediterran

### il-benniena tal-Ewropa

Il-baċin Mediterranju jestendi għal madwar 3 800 km mil-Lvant għall-Punent mit-tarf tal-Portugall sal-kosta tal-Libanu u madwar 1 000 km mit-Tramuntana għan-Nofsinhar mill-Italja sal-Marokk u l-Libja. Fi ħdan l-Unjoni Ewropea, ir-Reġjun tal-Mediterran iħaddan seba' Stati Membri parzjalment (Franza, il-Portugall, l-Italja, Spanja) jew kompletament (il-Greċja, Malta u Ċipru).

Il-klima hija kkaratterizzata minn sjuw sħan u niexfa, u xtiewi umdi u friski, iżda tista' wkoll tkun notorjament kapriċċuża b'ħalbiet tax-xita bil-qliel f'daqqa jew perjodi qawwija ta' riħ (eż. ix-Xlokk, il-Mistral) li jseħħu f'diversi żminijiet tas-sena. Dawn il-kundizzjonijiet klimatiċi għandhom influwenza profonda fuq il-veġetazzjoni u l-ħlejjaq selvaġġi tar-reġjun.

L-istess it-topografija varjata u kontrastanti tiegħu – ir-Reġjun tal-Mediterran joffri pajsaġġ li l-ħin kollu jinbidel ta' muntanji għoljin, xtut bil-blat, meded impenetrabbli ta' sġajriet baxxi, steppi semiaridi, artijiet mistagħdra mal-kosta, bajjiet bir-ramel u għadd kbir ta' gżejjer ta' diversi forum u daqsijiet imxerrda mal-baħar ikħal ċar.

Għall-kuntrarju tal-istampi klassiċi ta' 'xemx, baħar u ramel' murija f'ħafna mill-fuljetti turistiċi, il-Mediterran sorprendentement fiħ ħafna għoljiet. Wieħed kważi qatt ma jonqos milli jara l-muntanji, anki fuq il-gżejjer.

Billi ħelsuha mill-aħħar Era tas-Silġ, dawn iż-żoni kollha għandhom it-tipi speċjali tagħhom ta' ħlejjaq selvaġġi u ħabitats. B'riżultat ta' dan, il-Mediterran m'għandux biss bijodiversità rikka ħafna, iżda wkoll għadd kbir ta' speċijiet li jeżistu hawn u mkien ieħor fid-dinja. Ir-rata ta' tixrid ta'

mard endemiku hija għolja b'mod eċċezzjonali kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar. Mill-25 000 pjanta li toħroġ il-fjuri identifikata s'issa - li jirrappreżentaw madwar 10 % tal-pjanti kollha magħrufa fid-dinja – aktar minn nofs huma endemiċi għar-reġjun. Bla dubju, il-Mediterran hu meqjus wieħed mir-reġjuni ewlenin għall-bijodiversità fid-dinja.

Karatteristika oħra li tiddistingwi r-reġjun hi l-assoċjazzjoni twila ħafna mal-bniedem li ħalliet il-marka tagħha fuq ħafna mill-pajsaġġ. Pereżempju l-meded ta' sġajjar żgħar tal-Mediterran, li jinsabu kullimkien, u li huma mimlijin bi fjuri u pjanti aromatiċi, huma r-riżultat dirett ta' mijiet ta' snin ta' attivitajiet ikkaġunati mill-bniedem bħal nirien fil-foresti, qtugħ ta' siġar, riġi ta' bhejjem u kultivazzjoni.

Peress li l-intervent uman għandu t-tendenza li jkun lokalizzat ħafna, il-meded ta' sġajjar mhux żviluppatti tal-Mediterran evolwew f'nisġa mobbli kumplessa u sofistikata ta' ħabitats li tgħaddi minn ċiklu regolari ta' deġenerazzjoni u riġenerazzjoni. Il-kumplessità tal-istruttura tal-veġetazzjoni tispjega wkoll għaliex dawn iż-żoni huma eċċezzjonalment rikki fil-ħlejjaq selvaġġi, speċjalment pjanti u insetti.

Filwaqt li l-meded ta' sġajjar baxxi tal-Mediterran huma sinonimi mar-reġjun, dawn bl-ebda mod mhuma l-uniku ħabitat rikk fl-ispeċijiet hawnhekk. Ħafna żoni għandhom iddominati minn meded kbar ta' foresti naturali, prattikament mhux mittiefsa, li għandhom relattivament mhux mimsusa mill-bniedem. F'kuntrastr ma' ħafna foresti fl-Ewropa Ċentrali u tat-Tramuntana, li huma ddominati minn xi tużżana jew ftit iktar ta' speċijiet ta' siġar, il-foresti Mediterranji huma aktar diversi, u fihom sa mitt speċi differenti ta' siġar.

Partijiet oħra tal-Mediterran huma sempliċement niexfa wisq għas-siġar jew għall-veġetazzjoni folta u minflok huma miksija b'meded vasti ta' art bil-ħaxix. Mal-ewwel dehra dawn iż-żoni steppiċi semiaridi jistgħu jidhru vojta u bla ħajja, iżda meta wieħed jiflihom mill-viċin dawn jiżvelaw rikkezza ugwali ta' ħlejjaq selvaġġi. Dawn huma

żoni ewlenin għall-pitarra *Otis tarda*, il-pitarra *Tetrax tetrax* u varjetà sħiħa ta' għasafar li jbejtu fuq l-art bħall-pin-tailed sandgrouse *Pterocles alchata*.

F'postijiet oħra, l-ilma hu aktar abbondanti iżda xorta prezzjuż ħafna. Artijiet mistagħdra li jvarjaw minn laguni żgħar mal-kosta sa deltas vasti jitfaċċaw f'intervalli regolari madwar il-kosta twila. Għalkemm għadd kbir inqerdu jew nixfu, dawk li baqa' jilqgħu fihom mijiet ta' speċijiet ta' ħut endemiku, amfibji u insetti, li min-naħa tagħhom jiġbdu lejhom qatgħet kbar ta' għasafar b'saqajhom twal u papri li jċafċfu speċjalment waqt l-istaġun tal-passa.

Huwa stmat li sa żewġ miljun għasfur ipassu lejn, jew jgħaddu minn ġor-Reġjun tal-Mediterran kull sena. Uħud ikunu biss qed jieqfu għal ftit jiem jew ġimgħat biex imantnu ruħhom qabel il-vjaġġ twil tagħhom tul is-Saħara, waqt li oħrajn jiġu biex iqattgħu x-xitwa hawn u jaħarbu t-temp aktar kiesaħ tat-Tramuntana.

Fir-rigward tal-Baħar Mediterran, l-ilmijiet blu ċari tiegħu huma famużi madwar id-dinja. Għalkemm mhux baħar produttiv ħafna, dan xorta jilq' fih diversità tremenda ta' organiżmi tal-baħar, li ħafna minnhom huma endemiċi għar-reġjun. Huwa stmat li l-Mediterran fih 8-9 % tal-ħlejjaq tal-baħar kollha tad-dinja. Ħafna mill-isponoż inqas magħrufa, sea squirts, krustaċji eċċ. wieħed jista' jsibhom moħbija fost il-mergħat taħt il-baħar jew il-mergħat tal-Posidonja li jikbru f'ilmijiet kostali baxxi.

Madankollu, ir-Reġjun Mediterranju jinsab taħt pressjoni tremenda mill-bnedmin. Dan ir-reġjun huwa d-destinazzjoni turistika numru wieħed fid-dinja. B'riżultat ta' dan, ħafna mill-kosta tal-Mediterran għebet taħt il-konkrit u hemm theddida kostanti ta' nirien fil-foresti u nuqqas kroniku ta' ilma. Fuq l-art, ħafna mis-sistemi pastorali qodma qed jiġu abbandunati għaliex dawn m'għadhomx vijabbli ekonomikament.

Reġjun	Pajjiżi involuti	% tat-territorju tal-UE
Atlantiku	Il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka, Spanja, Franza, l-Irlanda, il-Portugall, l-Olanda, ir-Renju Unit	18.4
Boreali	L-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Iżvezja	18.8
Kontinentali	L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja, is-Slovenja	29.3
Alpin	L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, Spanja, il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja, is-Slovenja, is-Slovakkja	8.6
Pannonju	Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja	3.0
Steppiku	Ir-Rumanija	0.9
Il-Baħar l-Iswed	Il-Bulgarija, ir-Rumanija	0.3
Mediterran	Ċipru, Spanja, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Portugall	20.6
Makaroneżjan	Spanja, il-Portugall	0.2

Sors:  
Ċentru Tematiku Ewropew dwar id-Diversità Bijoloġika (Aġenzija Ewropea għall-Ambjent) <http://biodiversity.eionet.europa.eu> Ottubru 2008



# Speċijiet ta' Natura 2000 fir-Reġjun tal-Mediterran

Kważi nofs il-pjanti u l-animali elenkati fid-Direttiva dwar il-Habitats jinsabu fir-Reġjun tal-Mediterran. L-għadd kbir mhux biss jirrifletti l-firxa wiesgħa ta' theddid preżenti iżda wkoll l-abbundanza assoluta ta' speċijiet fir-reġjun. Hawn aktar speċijiet ta' pjanti hawn milli fir-reġjuni bijoġeografiċi Ewropej l-oħra kollha f'daqqa.

Il-pajsaġġ varjat wassal għall-iżvilupp ta' għadd eċċezzjonalment għoli ta' endemiċi, li xi wħud minnhom huma ristretti biss għal xi fteit lokalitajiet bħall-widnet il-baħar *Cheirolophus crassifolius* li tinsab biss fuq l-irdumijiet mirjieħa ta' Malta, jew l-elleboru sabiħ *Helleborus cyclophyllus* li huwa ristrett għall-Muntanji Rhodope fil-fruntiera bejn il-Greċja u l-Bulgarija.

Bħall-ispeċijiet l-oħra tal-baċin tal-Mediterran, il-pjanti żviluppaw ħafna metodi biex ikampaw fis-sjuf sħan u kiefra u l-perjodi twal ta' nixfa. Ħafna jiffjorixxu kmieni ħafna fl-istaġun f'għajra kontra l-ħin biex isebbli qabel ma x-xemx issir taħraq wisq. Oħrajn jiżviluppaw weraq aromatiċi qishom tal-ġilda biex inaqqsu t-telf tal-ilma.

B'dan l-għadd kbir ta' pjanti, mhuwiex ta' stagħġib li hemm ukoll diversità kbira ta' insetti u invertebrati oħra fir-reġjun. Ħafna żviluppaw assoċjazzjonijiet mill-qrib ma' pjanti speċifiċi u issa huma dipendenti għal kollox fuq il-preżenza tagħhom għas-sopravivenza tagħhom. Pereżempju, il-paxa b'żewġ idnieb *Charaxes jasius* jinsab biss fil-preżenza tas-siġra tal-frawli *Arbutus unedo*, peress li jbid fuq il-weraq tagħha. Rabtiet simili evolwew fost l-għadd kbir ta' naħal, żnażen u speċijiet importanti oħra li jiffertilizzaw bil-polline.

Il-maġġoranza tar-rettili Ewropej jinsabu fir-Reġjun tal-Mediterran. Dawn jinkludu s-serp rari leopard *Elaphe situla*, il-gremxula tal-blat tal-Iberja *Lacerta monticola* u l-wiżgħa Ewropea bi swaba' qishom weraq *Phyllodactylus europaeus*, li għandha dehra kurjuża. Dawn kollha huma elenkati fid-Direttiva dwar il-Habitats minħabba l-istat ta' konservazzjoni vulnerabbli tagħhom.



Photo © Andoni Canela

## Il-linċi tal-Iberja *Lynx pardinus*

B'popolazzjoni ta' bejn 100 u 150 individwu biss, il-linċi tal-Iberja issa huwa l-aktar mammiferu fil-periklu fid-dinja li jinsab fix-xifer tal-estinzjoni. L-intensifikazzjoni agrikola u l-iżviluppi infrastrutturali, bħal awtostradi ġodda, naqqru u farrku l-habitat tiegħu sal-punt li issa hu ristrett għal xi żoni iżolati żgħir bħas-Sierra de Anducar fil-Lbiċ ta' Spanja li fih waħda mill-foresti Mediterranji l-aktar preżervati tajjeb u meded ta' artijiet bi sġajjar baxxi fuq il-Peniżola tal-Iberja.

B'kuntrast mal-linċi Ewro-Ażjatiku *Lynx lynx* li kważi fih id-doppju fid-daqs tiegħu, il-linċi diminuttiv tal-Iberja huwa kaċċatur speċjalizzat, li jiekol kważi f'niek biss. Dan kompla wassal għall-qerda tiegħu. Epidemiji suċċessivi tal-marda *Myxomatosis*, u aktar reċenti l-Marda Emorraġika tal-Fniek, attakkaw il-popolazzjonijiet tal-fniek fid-deċennji li għaddew u naqqsu l-għadd tagħhom u b'hekk ċaħħdu lil-linċi mid-dieta bażika tagħhom.

Fuq kollox, il-Mediterran huwa ta' importanza kbira għall-għasafar tal-passa. Ix-xitwa moderata, flimkien mad-disponibilità ta' artijiet mistagħdra trankwilli u habitats oħra, jipprovdu kenn ideali għall-miljuni ta' għasafar li jpassu lejn jew mir-reġjun kull sena. Fir-rigward tal-baħar, dan ukoll qed joktor bil-ħajja. Id-delfini u l-fkieren tal-baħar huma bla dubju l-aktar magħrufa iżda hemm ukoll abbundanza ta' ħlejquet oħra tal-baħar strambi u mill-isbaħ li jinsabu moħbija taħt il-mewġ. Fost dawn hemm il-monka Mediterranja *Monachus monachus* li tinsab f'periklu kbir.

## Il-fekruna ta' Hermann *Testudo hermanni*

Il-fekruna ta' Hermann tinsab mifruxa mill-Grigal ta' Spanja, tul in-Nofsinhar ta' Franza, il-Punent u n-Nofsinhar tal-Italja sar-Rumanija u t-Turkija. Tinsab ukoll fuq għadd ta' gżejjer fil-Mediterran, inklużi dawk Baleariċi, Korsika, Sardenja u Sqallija. Il-fekruna ta' Hermann tingħaraf mill-qoxra attraenti tagħha ddisinjata sewda u safra, li jista' jkollha tul ta' bejn 8 sa 28 cm. Bħall-fkieren kollha, dawn jgħixu partikolarment fit-tul, xi drabi sa bejn 30 u 50 sena jew aktar.

Filwaqt li hu maħsub li din tippreferi foresti Mediterranji tal-ballut li dejjem iħaddru u meded folti ta' sġajjar żgħir, xi drabi tista' wkoll issibha f'merġat nexfin, fil-ġnub aridi tal-għoljiet u fir-raba'. Fl-imġhoddi kienet mhedda minn sfruttament, iżda llum, it-theddida prinċipali tagħha hija l-qerda tal-habitat. L-iżvilupp urban, il-bini ta' toroq u ż-żieda fit-turiżmu fin-Nofsinhar tal-Ewropa kollha kellhom impatt kbir, u l-firxa tagħhom ċkienet u hi sparaljata. In-nirien fil-foresti huma wkoll problema serja għall-din l-ispeċi li timxi bil-mod.



Photo © Miha Krofel

# Mappa tas-Siti ta' Natura 2000 fir-Reġjun tal-Mediterran

Il-lista ta' siti ta' Natura 2000 fir-Reġjun tal-Mediterran ġiet adottata għall-ewwel darba f'Lulju 2006, u ġiet aġġornata aktar f'Marzu u f'Diċembru 2008. B'kollox, fi ħdan ir-Reġjun tal-Mediterran hemm 2 928 Sit ta' Importanza għall-Komunità (SCIs) taħt id-Direttiva dwar il-Habitats u 999 Żona ta' Protezzjoni Speċjali (SPAs) oħrajn taħt id-Direttiva dwar l-Għasafar. Ħafna drabi jkun hemm koinċidenza konsiderevoli bejn xi SCIs u SPAs li fisser li l-figuri mhumiex kumulattivi. Madankollu, huwa smtat li flimkien ikopru madwar 20 % tal-erja totali tal-art f'dan ir-reġjun.

## Għadd ta' tipi ta' habitats fl-Anness I u speċijiet jew sottospeċijiet fl-Anness II tad-Direttiva dwar il-Habitats

Reġjun	Tipi ta' Habitats	Animali	Pjanti
Atlantiku	117	80	52
Boreali	88	70	61
Kontinentali	159	184	102
Alpin	119	161	107
Pannonju	56	118	46
Steppiku	25	25	14
Il-Baħar l-Iswed	58	79	6
Mediterran	146	158	270
Makaroneżjan	38	22	159

Sors: Ċentru Tematiku Ewropew dwar id-Diversità Bijoloġika (Aġenzija Ewropea għall-Ambjent) <http://biodiversity.eionet.europa.eu> Ottubru 2008

- il-figuri mhumiex kumulattivi peress li bosta habitats u speċijiet jinsabu f'żewġ reġjuni bijoġeografiċi jew aktar
- Għasafar mill-Anness I tad-Direttiva dwar l-Għasafar mhumiex elenkati peress li mhumiex ikkategorizzati skont ir-reġjun bijoġeografiċu

Photo © Bob Gibbons/Natural Image



1 Costa Sudoeste

Photo © Andoni Canela



2 Sierras de Andujar

Photo © Luis Jordão



Photo © Raul Garcia Aranz

3 Duraton Canyon

Photo © Michael Clark



Photo © Juan Piċċa



4 Fomentera

Photo © Jordi Serapio



Photo © LIFE Nature Project



Photo © Alfred Baldacchino

7 L-Irdum ta' Ħad-Dingli

Photo © Peter Creed



5 Les Alpilles

Photo © Bob Gibbons/Natural Image

Photo © Charles Creed



6 La Maddalena Islands

Photo © K. Sundseth

Reġjun	Nru SCI	Erja totali koperta (km <sup>2</sup> )	Erja ta' art koperta (km <sup>2</sup> )	% tat-total tal-erja ta' art	Nru SPA	Erja totali koperta (km <sup>2</sup> )	Erja ta' art koperta (km <sup>2</sup> )	% tat-total tal-erja ta' art
Atlantiku	2,747	109,684	68,974	8.7	882	76,572	50,572	6.4
Boreali	6,266	111,278	96,549	12.0	1,165	70,341	54,904	6.8
Kontinentali	7,475	150,014	135,120	10.8	1,478	147,559	128,432	12.4
Alpin	1,496	145,643	145,643	39.7	365	93,397	93,397	31.1
Pannonju	756	15,858	15,858	12.3	100	19,965	19,965	17.5
Steppiku	34	7,210	7,210	19.4	40	8,628	8,628	24.4
Il-Baħar l-Iswed	40	10,243	8,298	71.8	27	4,100	3,561	30.8
Mediterran	2,928	188,580	174,930	19.8	999	147,358	142,350	16.0
Makaroneżjan	211	5,385	3,516	33.5	65	3,448	3,388	32.3
<b>Total</b>	<b>21,612</b>	<b>655,968</b>	<b>568,463</b>	<b>13.3</b>	<b>5,004</b>	<b>486,571</b>	<b>429,615</b>	<b>10.5</b>

Sors: Ċentru Tematiku Ewropew dwar id-Diversità Bijoloġika (Aġenzija Ewropea għall-Ambjent) <http://biodiversity.eionet.europa.eu> Ottubru 2008

- L-SPAs u l-SCIs mhumiex kumulattivi peress li hemm koinidenza konsiderevoli bejniethom
- Xi siti jinsabu fil-fruntiera bejn żewġ reġjuni, u d-database ma tippermettix li jinqasmu siti bejn reġjuni. Għaldaqstant xi siti jistgħu jingħaddu darbtejn
- Il-perċentwali ta' żoni marittimi mhux disponibbli
- L-SPAs mhumiex magħżula skont ir-reġjun bijoġeografiku
- L-erja tal-SPA għar-Reġjun Steppiku hija kkalkulata skont id-dejta disponibbli tal-GIS

8  
Le Cesine



Photo © Silvane Moingeon

- SCIs
- SPAs
- SPA u SCI

Mappa bbażata fuq il-koordinati tas-siti pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Università ta' Leuven, Diviżjoni SADL, Ottubru 2008



10  
The Sporades



Photo © Panos Dendrinos/MOM

Photo © Labros Logothetis



Photo © www.evros-delta.gr

11  
Evros delta



Photo © Bob Gibbons/Natural Image

12  
Larnaka salt lakes



Photo © Markellos Hadjimarkou

9  
White Mountains



Photo © Peter Creed

7

9

12



Medda ta' siġar mhux żviluppata tipikament Mediterranja li qed tiffjorixxi fil-Greċja © Bob Gibbons/Stampa Naturali-

## Tipi ta' ħabitats ta' Natura 2000 fir-Reġjun tal-Mediterran

Ir-Reġjun tal-Mediterran jagħti kenn lil aktar minn nofs it-tipi ta' ħabitats elenkati fid-Direttiva dwar il-Ħabitats. Minn dawn 37 biss jinsabu f'dan ir-reġjun. L-għadd kbir jirrifletti mhux biss il-klima sħuna tar-reġjun, il-ġeoloġija varjabbli u t-topografija kumplessa b'ħafna żoni iżolati, iżda wkoll il-fatt li ħafna mir-reġjun ħelisha mill-effetti devastanti tal-aħħar Era tas-Silġ li nfrxet mal-Ewropa kollha xi 10 000-15 000 sena ilu.

Aktar minn nofs l-art hi koperta b'foresti u meded ta' sġajjar baxxi. Minħabba l-kundizzjonijiet sħan u xotti, il-foresti Mediterranji għandhom it-tendenza li jkunu aktar miftuħin biex b'hekk ikun jista' jikber saff rikk ta' arbuxxelli u siġar baxxi. Dawn ukoll għandhom aktar diversità ta' speċijiet minn foresti fit-Tramuntana.

L-artijiet il-baxxi għandhom it-tendenza li jkunu ddominati minn diversi tipi ta' ballut *Quercus* spp iżda aktar ma wieħed jitle' fil-ġholi aktar isiru numerużi l-qastan ħelu *Castanea sativa*, u speċijiet koniferi ta' *Abies*, *Pinus*, *Juniperus* u *Taxus*.

Fir-rigward tal-meded ta' art bi sġajjar baxxi tal-Mediterran li jinsabu kullimkien, dawn jiġu f'varjetà ta' forum u daqsijiet u ħafna drabi jingħataw ismijiet eżotiċi bħal matorral, maquis, garrigue u phrygana skont il-pożizzjoni, il-ħamrija, il-grad ta' degradazzjoni, l-użu mill-bniedem u l-kompożizzjoni tal-ispeċijiet tagħhom, iżda fir-realtà dawn it-tipi ta' ħabitats ħafna drabi jitħalltu flimkien biex jiffurmaw disinn ta' możajk ikkomplikat iżda intrinsikament mobbli matul il-pajsaġġ.

L-ġholi tal-meded ta' sġajjar mhux żviluppata xi drabi jista' jintuża bħala regola sempliċi. Pereżempju, il-maquis għandu t-tendenza li jiffirma msaġar folti u impenetrabbli b'ġholi ta' 1-4 metri u ġeneralment huwa ddominat b'siġar żgħar bħas-siġra tal-frawli *Arbutus unedo*, il-pistaċċa orjentali *Pistacia lentiscus*, iż-żebbuġa salvaġġa *Olea europaea* jew ir-rihana *Myrtus communis*, jew b'mod inqas frekwenti l-ġnibru u r-rand.

Min-naħa l-oħra, il-garrigue huwa aktar miftuħ u l-veġetazzjoni bil-kemm tilħaq l-ġholi tal-irkoppa.

Photo: © J. Harmeln/UNEP



### Mergħat tal-Posidonja

Il-pjanta tal-baħar *Posidonia oceanica* hija endemika għall-Baħar Mediterran. Din tiffirma mergħat folti taħt il-baħar tul il-qiegħ tal-baħar f'fond sa 40 metru. Simili għall-artijiet bil-ħaxix, dawn il-mergħat tal-Posidonja huma eċċezzjonalment rikki fil-ħlejjaq selvaġġi. Dawn jipprovdu kenn għal miljuni ta' organiżmi żgħar tal-baħar u huma art fertili għal ħafna speċijiet ta' ħut ta' valur kummerċjali.

Il-mergħat tal-qiegħan tal-Posidonja jiżvolġu wkoll rwol importanti fil-protezzjoni tal-kosta billi jaqdbu n-naqal, jagħtu l-ossiġenu lill-ilma u jipprevjenu l-erożjoni kostali. Minħabba li dawn jistgħu jikbru biss f'ilmijiet nodfa ħafna neqsin minn nutrijenti, dawn huma wkoll indikatur tajjeb tal-kwalità tal-ilma. Madankollu, il-weraq twal metru huma fraġli ħafna u ssirihom ħsara malajr permezz tal-attivitajiet tas-sajd, id-dgħajjes ta' rikreazzjoni, it-tħammil, it-tniġġis u t-tneħħija tar-ramel fost oħrajn. Huwa smat li kważi nofs il-mergħat tal-Posidonja fil-Mediterran marru lura jew għebu f'dawn l-aħħar 30 sena.



Art bil-ħaxix semiarida steppika, Spanja © Aixa Sopena, ritratt żgħir Alwetta kalandra c Vince Smith

Hawnhekk il-pjanti b'weraq qishom ġilda b'ħaċ-ċister *Cistus* spp. u arbuxxelli aromatiċi b'ħal-lavanda, is-sagħtar u l-klin huma l-aktar evidenti, li jimlew l-arja bil-fwieħa intossikanti tagħhom. Il-frigana, li tinsab fil-parti tal-Lvant tal-Mediterran, ġeneralment tul il-kosta, hija l-iktar forma baxxa ta' meded ta' sġajjar mhux żviluppata u hi komposta minn sġajjar imxewkin u arbuxxelli li jithaxknu mal-art li jvarjaw minn żona għall-oħra.

Il-kumplessità tal-istruttura tal-veġetazzjoni tagħmel l-artijiet ta' meded ta' sġajjar baxxi tal-Mediterran eċċezzjonalment rikki fil-ħlejjaq selvaġġi. Dawn jagħtu kenn lil firxa mlewna ta' fjuri b'ħat-tulipani, in-narċis, iż-żagħfran u l-alliums kif ukoll ħafna speċijiet ta' orkidea tan-naħal jew dubbien ikħal. Flimkien joffru wirja spettakolari imma qasira ta' fjuri kull rebbiegħa.

Artijiet agrikoli u artijiet bil-ħaxix jokkupaw 40 % tar-reġjun u jvarjaw bejn żoni ta' raba' u msaġar taż-żebbuġ jew taċ-ċitru kbar u użati b'mod intensiv, għal sistemi iżgħar ta' biedja mħallta. Dawn tal-aħħar aktar jaqblu mal-ambjent naturali u joħlqu nisġa karatteristika ta' ħabitats li jalternaw tul il-pajsaġġ li ġeneralment hu rikki fil-ħlejjaq selvaġġi.

Xi żoni ta' artijiet bil-ħaxix huma eċċezzjonalment nexfin. Iżda anki f'dawn l-isteppe semiaridi li ma tantx jidhru għammiela, il-bdiewa sabu metodi kif ikabbru l-ħafur, ix-xgħir u ċ-ċiċri fuq il-ħamrija fqira billi jnewbu l-uċuħ tar-raba' tagħhom tul perjodi twal biex jippermettu lill-ħamrija tirkupra. Dan imbagħad ħoloq għadd ta' mikroħabitats differenti li huma post tal-kenn għall-għasafar steppici tal-Ewropa b'ħal pereżempju l-alwetta kalandra melodjuża *Melanocorypha calandra*, jew il-pitarrun żgħir *Tetrax tetrax*.

Apparti minn ftit xmajjar ewlenin, il-biċċa l-kbira tal-artijiet mistagħdra jinsabu tul il-kosta. Wieħed isib diversi deltas u laguni ta' daqs sinifikanti b'ħal pereżempju l-Coto Donana jew l-Ebro Delta fi Spanja, il-Camargue fi Franza jew in-Nestos u l-Amvrakikos Deltas fil-Greċja. Kull wieħed isostni għadd enormi ta' għasafar kif ukoll il-ħafna ħut rari u endemiku, amfibji u insetti b'ħall-mazzarelli.

Rigward il-kosta tal-Mediterran, din hi eċċezzjonalment kumplessa u varjata. Anki f'distanzi qosra din tista' tinbidel minn bajja żgħira bil-blat għal bajja b'ramel abjad, bi sfond ta' duni estensivi, wiċċ ta' rdum għoli jew għar enormi taħt il-baħar. Dawn huma d-djar ta' ħafna mill-għasafar tal-baħar Ewropej li jnisslu, b'ħall-falkun ta' Eleonora *Falco eleonora* jew il-kormoran żgħir Mediterranju *Phalacrocorax aristotelis ssp. desmarestii*.

### Foresti Mediterranji tal-Arżnu b'arżnu iswed endemiku

Dawn il-foresti folti, spiss iddominati minn diversi sottospeċijiet ta' arżnu iswed *Pinus nigra*, jinsabu fil-livell muntanjuż tal-baċin Mediterranju. Dawn jkbr fuq varjetà ta' sottostati, inkluża ħamrija tal-ġir, dolomitika jew vulkanika, iżda għandhom distribuzzjoni sparpaljata ħafna. Foresti tal-arżnu iswed matur jżviluppaw b'ħal tinda magħluqa b'siġar li jilħqu għoli ta' aktar minn 30 metru. B'hekk, dawn jgħinu fil-protezzjoni kontra l-erożjoni u l-inżul ta' xita bil-qliel f'ambjent diġà fraġli.

Il-qċaċet ċatti kbar tal-arżnu iswed matur jipprovdu wkoll is-siti ideali għall-bejtiet tat-tajr tal-priża rari Ewropej b'ħall-avultun irmiedi *Aegypius monachus*. F'Korsika dawn huma l-ħabitat ewlieni għan-nuthatch tal-Korsika *Sitta whiteheadi* li hu endemiku għall-gżira. It-theddid ewlieni tagħhom jinkludu l-forestrija mhux sostenibbli, it-tixrid ta' speċijiet eżotiċi, il-qerda tal-weraq minn speċijiet li jeqirdu l-pjanti, ir-riġhi żejjed u n-nirien.



Photo: © Bob Gibbons/Natural image



Naghaj jirgħu fid-dehasas, Extremadura, Spanja © Fundacion Global Nature

## Kwistjonijiet ta' ġestjoni fir-reġjun tal-Mediterran

Ir-Reġjun tal-Mediterran ħafna drabi jirreferu għalih bħala l-benniena taċ-ċiviltà Ewropea. It-trobbija tal-bhejjem, il-produzzjoni taċ-ċereali, il-kultivazzjoni tal-frott u l-ħxejjex huma kollha maħsuba li oriġinaw hawn eluf ta' snin ilu. Is-sors ta' ħafna mill-prodotti agrikoli tal-lum madwar id-dinja oriġinarjament ġejjin mir-Reġjun tal-Mediterran.

Ix-xgħir, il-qamħ, il-ħafur, iż-żebbuġ, l-ġheneb, il-lewż, it-tin, it-tamal, il-piżelli u għadd ferm kbir ta' frott, ħxejjex u ħwawar mediċinali jew aromatiċi oħra huma mnissla minn pjanti selvaġġi li jinsabu f'dan ir-reġjun. Skont l-FAO, iż-żona tal-Mediterran hija waħda miċ-ċentri tal-oriġini l-aktar importanti għall-pjanti tar-raba' ta' importanza dinjija.

L-intensità baxxa u n-natura lokalizzata ta' eluf ta' snin ta' biedja bħala mezz ta' għajxien kellhom ukoll effett

profond fuq il-pajsaġġ, billi nħoloq możajk kumpless ta' ħabitats seminaturali li jalternaw, rikki fil-ħlejjaq selvaġġi. Minħabba l-pajsaġġ b'ħafna għoljiet persistenti, ħafna mill-ġnub imżerżqa tal-għoljiet tbiddu f'artijiet imtarrġa ikkultivati. Dawn l-artijiet imtarrġa jipprovdu ambjent ideali għat-tkabbir tal-frott u l-ħaxix billi mhux biss jipprevjenu l-erożjoni tal-ħamrija iżda wkoll jgħinu fiż-żamma tal-ilma. Kemm il-ħamrija kif ukoll l-ilma huma riżorsi prezzjużi f'din il-klima sħuna, niexfa u mftitxja ħafna.

Id-dwieli u l-boskijiet żgħar antiki taż-żebbuġ għandhom ukoll karatteristika tal-pajsaġġ Mediterranju. Kemm id-dielja kif ukoll is-siġra taż-żebbuġ huma adattati sew biex jikbru f'kundizzjonijiet diffiċli bi provvista limitata ta' ilma u kundizzjonijiet ta' ħamrija fqira. Xi siġar taż-żebbuġ jingħad li għandhom aktar minn 1 000 sena u għandhom jipproduċu ż-żebbuġ bl-istess mod kif kienu jagħmlu fiż-żminijiet antiki tar-Rumani u l-Griegi.

Fuq art aktar ċatta u fil-pjanuri evolwew diversi forum ta' sistemi ta' biedja sostenibbli agrosilvopastorali li jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi naturali. Id-dehasas u l-montados tal-Peniżola tal-Iberja huma eżempju ewlieni ta' sistema agrikola multifunzjonali sostenibbli, kapaċi tipproduċi firxa šiħa ta' prodotti u servizzi differenti.

Photo: © bibuonvino/flickr.com



### Id-dehasas u l-montados tal-Peniżola tal-Iberja

Id-dehasas u l-montados fi Spanja u l-Portugall huma sistemi ta' biedja agropastorali antiki li jilħqu bilanċ delikat bejn il-produttività u l-konservazzjoni tal-ħlejjaq selvaġġi. Dawn il-mergħat imsaġġra għandhom ikopru żoni vasti (50–60 000 km<sup>2</sup>) tal-Peniżola tal-Iberja. Bħala sistemi ta' biedja multifunzjonali, huma kapaċi jipprovdu varjetà wiesgħa ta' prodotti u servizzi. Dawn ivarjaw minn dell u ikel għall-bhejjem, produzzjoni ta' ċereali, injam, faħam tal-kannol u sufra. Il-kultivazzjoni taċ-ċereali ssir b'rotazzjoni biex tippermetti lill-ħamrija fqira tirkupra wara l-ewwel ħsad, u matul ix-xhur tas-sajf il-bhejjem jiġu mċaqilqa mijiet ta' kilometri tul it-toroq antiki tar-raħħala lejn mergħat għanja tal-muntanji sabiex jeħilsu mis-sħana qattiel.

Dawn l-attivajiet irrizzultaw fi struttura ta' veġetazzjoni partikolarment kumplessa li flimkien mal-ġestjoni dinamika tagħhom, jipprovdu rikkezza ta' ħabitats u mikroħabitats għall-ħlejjaq selvaġġi. It-tjur sofor *Oriolus oriolus*, il-Farruġ *Coracias garrulus* u d-Daqquqi tal-pinnaċċ *Upupa epops* huma dehra komuni matul is-sena. Dawn fix-xitwa jingħaqdu ma' eluf ta' ċikonji bojod tal-passa *Ciconia ciconia*, l-għerienaq *Grus grus* u għasafar oħra. Iżda l-avvanzi fl-agrikultura moderna tal-lum poġġew lil dawn is-sistemi agropastorali sostenibbli taħt pressjoni. Illum ħafna qed jintilfu minħabba pressjonijiet opposti ta' abbandun ta' art u intensifikazzjoni agrikola.



Il-Gżejjer La Maddalena, Sardenja © Kerstin Sundseth

Madankollu, filwaqt li l-biedja fuq skala żgħira għadha prattikata f'ħafna partijiet tar-reġjun, l-aħħar 50 sena raw bidla kbira fil-prattiki agrikoli f'partijiet kbar tal-Mediterran. Dwieli antiki, għelieqi miżrugħin bis-siġar tal-frott u boskijiet żgħar ta' siġar taż-żebbuġ tneħħew biex jagħmlu l-wisa' għall-pjantaġġuni tal-frott jew taż-żebbuġ fuq skala industrijali, u biedja ta' rotazzjoni mħallta għet issostitwita minn monokulturi intensivi.

Dan mhux biss ikkawża t-telf ta' habitats rikki bi ħlejjaq selvaġġi iżda kellu wkoll impatt soċjoekonomiku kbir fuq partijiet kbar tar-reġjun billi ħafna bdiewa fuq skala żgħira kienu mgjegħla jabbandunaw l-art tagħhom biex imorru jfittxu xogħol xi mkien ieħor. Minbarra dan hemm l-effetti devastanti tan-nirien qawwija li regolarment ifeġġu fir-reġjun lejn l-aħħar tas-sajf li jikkawżaw ħsara bla qies għall-proprjetà u l-ħlejjaq selvaġġi.

Il-prattiki moderni tal-biedja wkoll joħolqu ammont eċċessiv ta' pressjoni fuq l-ambjent tal-madwar permezz tad-domanda qawwija tagħhom għall-pestiċidi, il-fertilizzanti u l-irrigazzjoni tal-ilma. Aktar minn 26 miljun ettaru ta' art għall-biedja fil-baċin Mediterranju issa jinsabu taħt irrigazzjoni u f'xi żoni sa 80 % tal-ilma disponibbli huwa użat għall-irrigazzjoni, li qed iwassal għal sfruttament eżaġerat kemm tal-ilma ta' taħt l-art u kemm tal-wiċċ.

Artijiet mistagħdra naturali, deltas u korpi oħra tal-ilma wkoll nixfu sistematikament biex jipprovdu ilma u art għall-agrikoltura. Anki llum, il-bdiewa rari jkollhom iħallsu l-prezz veru tal-ilma. Il-Politika Agrikola Komuni terfa' parti mir-responsabbiltà, billi fil-passat issussidjat il-produzzjoni ta' wċuħ tar-raba' li jixorbu ħafna ilma.

Iż-żieda fl-iżvilupp tal-urbanizzazzjoni u t-turiżmu kompliet tikkontribwixxi għal nuqqas kroniku ta' ilma. It-turisti mhux biss jużaw l-ilma għall-ikel, xorb u l-iġjene personali iżda l-faċilitajiet ta' divertiment bħall-pixxini tal-ġhawm, parks tal-ilma u korsi tal-golf jaħlu wkoll ħafna ilma. Il-bilanċ bejn id-domanda għall-ilma u d-disponibbiltà issa laħaq livell kritiku f'ħafna pajjiżi tal-Mediterran. Jekk jibqa' sejjer hekk, huwa previst li sal-2025 nofs dawn il-pajjiżi se jużaw iktar ilma minn kemm jista' jerġa' jiġi rriġenerat b'mod naturali.

L-iżvilupp fit-turiżmu wkoll kellu impatt fiżiku kbir fuq il-kosta, u wassal għall-qerda ta' ħafna habitats naturali u żoni ta' ħlejjaq selvaġġi prezzjużi. Fir-Reġjun tal-Mediterran, l-għadd ta' turisti internazzjonali żdied minn 58 miljun fl-1970 għal aktar minn 228 miljun fl-2002, fejn Franza, Spanja u l-Italja flimkien jilqgħu madwar 75 % tal-influss attwali (UNEP, 2005).


Dan wassal għal perjodu kontinwu ta' kostruzzjoni tul il-kosta hekk kif kumplessi ta' lukandi, djar għall-vaganzi jew bliet li espandew infirxu fid-direzzjonijiet kollha. B'riżultat ta' dan, partijiet kbar tal-kosta issa għebu taħt il-konkrit. Skont il-Pjan il-Blu għall-Mediterran, aktar minn nofs il-kosta sħiħa tal-Mediterran tista' tkun taħt il-konkrit sal-2025 meta mqabbla mal-40 % li diġà kien hemm fl-2000.

Dan it-tkabbir eċċezzjonalment mgħaġġel fit-turiżmu u fl-iżvilupp urban fiż-żoni tal-kosta flimkien mal-abbandun tal-prattiki ta' biedja fuq skala żgħira, jittfa' pressjoni immensa fuq il-bijodiversità rikka tar-reġjun. Din il-pressjoni probabbli li tkompli sakemm ma jkunx hemm bidliet ewlenin fil-politika fid-deċennji li ġejjin.




Photo © K. Sundseth


F'din is-serje:




Natura 2000 fir-  
Reġjun Atlantiku




Natura 2000 fir-  
Reġjun Boreali




Natura 2000 fir-  
Reġjun Kontinentali




Natura 2000 fir-  
Reġjun Alpin



Natura 2000 fir-  
Reġjun Pannonju




Natura 2000 fir-  
Reġjun Steppiku



Natura 2000 fir-  
Reġjun tal-Baħar  
l-Iswed



Natura 2000 fir-  
Reġjun tal-Mediterran



Natura 2000 fir-  
Reġjun Makaroneżjan



L-Unjoni Ewropea għandha disa' reġjuni bijoġeografiċi, kull wieħed bit-taħlita karatteristika tiegħu ta' veġetazzjoni, klima u ġeoloġija. Is-Siti ta' Importanza għall-Komunità jintgħażlu skont kull reġjun fuq il-bażi ta' listi nazzjonali mibgħuta minn kull Stat Membru fi fhdan dak ir-Reġjun. Il-ħidma f'dan il-livell tagħmilha aktar faċli biex jiġu kkonserwati speċijiet u tipi ta' habitats taħt kundizzjonijiet naturali simili tul serje ta' pajjiżi, irrspettivament mill-konfini politiċi u amministrattivi. Flimkien maż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali nnominati taħt id-Direttiva dwar l-Għasafar, is-Siti ta' Importanza għall-Komunità magħżula għal kull reġjun bijoġeografiku jiffurmaw in-netwerk ekoloġiku ta' Natura 2000 li jħaddan is-27 pajjiż tal-UE.

